

Il-Programm ta' Ħidma għall-2020 tal-EBA

SOMMARJU EŻEKUTTIV

Introduzzjoni

1. Skont ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabilixxi l-EBA, il-programm ta' ħidma tal-EBA jipprovdi ħarsa komprensiva tal-għanijiet u tal-attivitajiet tal-Awtorità għal dawn is-snin li ġejjin skont il-mandat tagħha.
2. L-eżerċizzju tal-ippjanar tal-programm ta' ħidma tal-EBA huwa kruċjali għall-implimentazzjoni tal-istrateġija tagħha u għall-prijoritizzazzjoni tal-kompiti li tmur id f'id mal-allokkazzjoni tar-riżorsi. Il-programm ta' ħidma tal-EBA jinkludi l-programmi ta' ħidma annwali u dawk pluriennali tagħha.
3. Il-programm ta' ħidma pluriennali għall-2020-2022 huwa ddefinit mill-prijoritajiet strateġiċi li l-EBA pproponiet għas-snin li ġejjin, u jiġbor fil-qosor l-għanijiet ewlenin derivati mill-mandati speċifikati fir-regolament u mil-leġiżlazzjoni tas-settur bankarju rilevanti tal-UE.
4. Kull qasam strateġiku huwa kkomplementat bl-attivitajiet tal-programm ta' ħidma annwali li jagħtu d-dettalji tal-kompiti li għandhom jitwasslu fis-sena u r-riżorsi meħtieġa għal dak l-għan. Dawn jipprovdu trasparenza u responsabbiltà lill-partijiet ikkonċernati tal-EBA, li jservu fuq livelli interni biex jgħaqqdu x-xogħol u l-proċessi fuq bażi ta' kuljum mal-oqsma strateġiċi.

Appoġġ tal-iskjerament ta' pakkett għat-tnaqqis tar-riskju u l-implimentazzjoni tal-istandards globali fl-UE

5. FI-2020, l-EBA se taħdem b'mod intensiv fuq il-mandati tal-pakkett RRM bil-ħsieb li twassal ir-regolamenti ta' Livell 2 meħtieġa għall-implimentazzjoni tas-CRD, is-CRR u l-BRRD il-ġodda, flimkien mal-introduzzjoni tar-reġim IFD/IFR u d-Direttiva dwar il-Bonds Koperti. Dawn il-bidliet regolatorji se jsegwu pjanijiet direzzjonali ċari u għandhom l-għan li (i) inaqqsu l-ingranaġġ eċċessiv, (ii) jindirizzaw ir-riskju ta' finanzjament fit-tul, (iii) jindirizzaw ir-riskji tas-suq billi jżidu s-sensittività għar-riskju tal-qafas u jtejbju l-proporzjonalità, u (iv) inaqqsu l-piż tal-konformità għal istituzzjonijiet iżgħar.
6. Qasam ewlieni se jkun l-implimentazzjoni ta' rekwiżiti aktar sensittivi għar-riskju għal riskju tas-suq, wara l-ħidma ta' Basel dwar ir-rieżami fundamentali tal-portafoll tan-negozjar (FRTB). L-emendi se (i) jstabilixxu regoli aktar ċari dwar il-kamp ta' applikazzjoni biex jiġi evitat l-arbitraġġ regolatorju, (ii) iżidu l-proporzjonalità u (iii) isaħħu l-kundizzjonijiet għall-użu ta' mudelli interni biex itejbu l-komparabbiltà tal-konsistenza u l-piż tar-riskju fost il-banek. L-EBA ddeskriviet fil-qosor il-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar il-kwistjonijiet ta' implimentazzjoni ewlenin mistennija mis-suq il-ġdid u l-approċċi tar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti fid-dokument ta' diskussjoni tagħha dwar l-implimentazzjoni fl-UE tar-riskju tas-suq rivedut u l-oqfsa tar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti, ippubblikati fit-18 ta' Diċembru 2017. Il-ħidma tal-EBA¹ f'dan il-qasam ġiet strutturata f'erba' fażijiet. FI-2020, huwa previst li se timplimenta r-rekwiżit ta' rapportar (approċċ standardizzat tal-FRTB) u partijiet essenzjali mir-reviżjonijiet tal-FRTB għall-approċċ tal-mudell intern u għat-trattament ta' pożizzjonijiet fil-portafoll mhux tan-negozjar soġġetti għar-riskju FX jew tal-komoditajiet.

¹ Il-pjan direzzjonali tal-EBA għall-approċċi tar-riskju ta' kreditu tas-suq il-ġdid u tal-kontroparti: <https://eba.europa.eu/documents/10180/2844544/EBA+roadmap+for+the+new+market+and+counterparty+credit+risk+approaches.pdf>

7. Prijorità ewlenija oħra se tkun il-finalizzazzjoni tal-pjan direzzjonali IRB tal-EBA² għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kapital minimi għar-riskju ta' kreditu. Dan għandu jiffaċċja t-tħassib dwar il-varjabbiltà eċċessiva tar-rekwiżiti kapitali għar-riskju ta' kreditu, li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' mudelli interni. It-tlestija ta' dan il-pjan direzzjonali għandha l-għan li ssaħħaħ ir-robustezza u l-komparabbiltà tal-istimi interni tar-riskju u tar-rekwiżiti kapitali tal-istituzzjonijiet Ewropej, kif ukoll ittejjeb it-trasparenza tal-mudelli u l-eżiti tagħhom sabiex terġa' tinkiseb il-fiduċja fl-użu tal-mudelli IRB. Għalhekk, il-pjan direzzjonali jipprevedi tliet oqsma ta' hħidma: (i) rieżami tal-qafas regolatorju tal-approċċ IRB, li huwa meqjus li jinkludi operazzjonalizzazzjoni aħjar tat-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskji ta' kreditu għas-snin li ġejjin; (ii) żgurar tal-konsistenza superviżorja, b'użu xieraq ta' valutazzjoni komparattiva li tkopri għall-immudellar tal-IFRS 9; u (iii) żieda tat-trasparenza bbażata fuq mudelli standardizzati u komparabbli.
8. Fir-rigward tad-Direttiva dwar id-Ditta ta' Investiment u r-Regolament dwar id-Ditta ta' Investiment il-ġodda, l-EBA se tikkonċentra fuq it-tlestija tal-mandati b'rabta mar-rekwiżiti kapitali u l-kompożizzjoni tal-kapital, is-superviżjoni konsolidata, ir-rapportar, id-divulgazzjoni fuq il-Pilastru 3, il-kriterji tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u r-riskju ta' konċentrazzjoni.
9. Minħabba d-Direttiva l-ġdida dwar il-Bonds Koperti, l-EBA se jkollha tliet rapporti li jimmonitorjaw il-funzjonament tas-suq tal-bonds koperti, valutazzjoni ekwivalenti tal-bonds koperti minn pajjiż terz u l-iżvilup bi strutturi pass-through kundizzjonali.
10. B'mod parallel għall-estensjoni tas-saff regolatorju fuq il-pakkett RRM, l-EBA se taħdem mal-Kummissjoni u aktar tard mal-koleġislaturi biex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-istandards ta' Basel III fl-UE, fejn lil hinn mill-pubblikazzjoni tal-parir tal-EBA sa nofs l-2019, xi evidenza ulterjuri tista' tkun meħtieġa biex tinforma l-proċess leġiżlattiv.

Il-forniment ta' metodoloġiji u għodod effiċjenti għall-konverġenza superviżorja u l-ittestjar tal-istress

11. L-implimentazzjoni tal-pakkett RRM flimkien mal-preparazzjoni tal-applikazzjoni tal-istandards globali ġodda fl-Ewropa teħtieġ għadd ta' kunsiderazzjonijiet importanti tal-politiki tal-Pilastru 2 sabiex tissaħħaħ il-konverġenza fis-superviżjoni. L-EBA se tibda tikkonsulta dwar ir-reviżjonijiet tal-Pilastru 2, l-inkorporazzjoni mtejba tal-proporzjonalità, il-koerenza mal-Pilastru 1, u l-livelli ta' politiki dwar l-applikazzjoni fuq il-kapital u l-likwidità.
12. Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet prudenzjali ewlenin jipprovdi valur għall-banek u għal konverġenza superviżorja. L-EBA se tkompli timmonitorja l-fondi proprji u d-dispożizzjonijiet ta' likwidità b'enfasi fuq strumenti ta' kapital u ta' responsabbiltà, it-terminazzjoni ta' anterjorità ta' strumenti ta' fondi proprji, u l-użu ta' diskrezzjonijiet fil-qasam ta' tranżazzjonijiet ta' likwidità għall-komputazzjoni LCR.
13. L-EBA se twettaq test tal-istress ieħor madwar l-UE kollha, f'konformità mad-deċiżjoni preċedenti tagħha li timmira għal eżerċizzju biennali. Id-Deċiżjoni li jitwettaq l-eżerċizzju li jmiss ta' test tal-istress fl-UE kollha fl-2020 kienet xprunata minn rikonossiment tal-progress kontinwu li l-banek tal-UE qed jagħmlu biex isaħħu l-pożizzjonijiet kapitali tagħhom. Mhux se jiġu introdotti bidliet fundamentali għall-approċċ ta' ttestjar tal-istress, li se jkompli jkun eżerċizzju ristrett minn isfel għal fuq. Madankollu,

² Rapport ta' progress dwar il-pjan direzzjonali tal-IRB: <https://eba.europa.eu/-/eba-publishes-report-on-progress-made-on-its-roadmap-to-repair-irb-models>

se jiġi introdott titjib fil-metodoloġija, inkluża l-inkorporazzjoni tas-suġġerimenti ewlenin li waslu mingħand il-banek fl-eżerċizzju preċedenti. Fid-dawl tal-futur aktar fit-tul, l-EBA se tkompli taħdem mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha dwar bidliet fundamentali potenzjali fil-qafas ta' ttestjar tal-istress madwar l-UE kollha.

Il-mixja lejn ċentru ta' data integrata tal-UE u qafas ta' rappurtar simplifikat

14.L-EBA għandha l-għan li tlesti l-aħħar fażi tal-proġett EUCLID, li se jiffoka fuq it-titjib tal-pjattaforma tad-data superviżorja tal-EBA, li tappoġġja l-għbir tad-data, il-validazzjoni tad-data, l-integrazzjoni tad-data u l-monitoraġġ tar-rapport. Il-qofol ta' din il-ħidma se jstabbilixxi l-EBA bħala ċentru ta' data madwar l-UE kollha għas-servizz tal-awtoritajiet kompetenti u tal-pubbliku. L-EBA se taħdem ukoll fuq studju ta' fattibbiltà dwar qafas ta' rappurtar integrat tal-UE.

Il-fatt li l-AML issir prijorità reali għall-UE

15.L-EBA f'kooperazzjoni mal-ASE l-oħrajn se ssaħħaħ ir-rwol tagħha fil-qasam tas-superviżjoni tal-AML/CFT mill-awtoritajiet nazzjonali, wara l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-pjan ta' azzjoni AML. L-EBA se tikkontribwixxi għall-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għal finijiet ta' ML/TF billi:

- a. tkompli l-ħidma tagħha dwar l-iżvilupp tal-politika u l-implimentazzjoni u l-konverġenza superviżorji;
- b. issaħħaħ ir-rwol tagħha fil-għbir, l-analiżi u t-tixrid ta' informazzjoni relatata mar-riskji ML/TF u mas-superviżjoni AML/CFT;
- c. tkun fis-setgħa li titlob lil superviżuri nazzjonali tal-AML/CFT biex jinvestigaw ksur potenzjali tad-dritt tal-Unjoni u biex jikkunsidraw li jitolbu lil istituzzjoni twaqqaf imġiba partikolari;
- d. twettaq valutazzjonijiet u rieżamijiet bejn il-pari tal-approċċi tal-NCAs għal superviżjoni ta' AML/CFT, u twettaq valutazzjoni tar-riskju fuq l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali;
- e. tikkoopera u tikkomunika mal-FIUs kif ukoll ma' kontropartijiet minn pajjiżi terzi fir-rigward tal-AML/CFT.

Il-kontribut għall-iżvilupp sod tal-innovazzjoni finanzjarja u s-sostenibbiltà

16.Il-Kummissjoni ppubblikat ukoll il-pjan ta' azzjoni dwar il-finanzjament tat-tkabbir sostenibbli fit-8 ta' Marzu 2018 u talbet lill-ASE biex jipprovdu appoġġ għall-implimentazzjoni tagħha. Fl-2020, l-EBA se tkompli tibni kunsiderazzjonijiet ambjentali, soċjali u ta' governanza (ESG) fil-ħidma ġenerali tagħha u se tlesti t-tieni fażi tal-ħidma preparatorja tagħha dwar id-divulgazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskju fil-qasam ta' finanzjament sostenibbli, li twassal għal Dokument ta' Diskussjoni dwar l-inkorporazzjoni tal-ESG fil-ġestjoni tar-riskju u s-superviżjoni (mandati CRD u IFD). L-EBA se twettaq ukoll ħidma preparatorja fuq il-klassifikazzjoni u t-trattament prudenzjali tal-assi minn perspettiva ta' sostenibbiltà (mandati CRR u IFR). Barra minn hekk, l-EBA se tagħti TS lill-Kumitat Konġunt tal-ASE dwar divulgazzjonijiet (attivitajiet ta' investiment u ta' konsulenza).

17. L-EBA se tkompli twettaq il-pjan direzzjonali tagħha tal-FinTech billi timmonitorja l-innovazzjoni finanzjarja u tiżgura li r-regolamentazzjoni tibqa' teknoloġikament newtrali filwaqt li tivvaluta l-impatt fuq il-mudelli tan-negozju u l-perimetru regolatorju. L-EBA se tkompli ssaħħaħ il-Forum Ewropew tal-Faċilitaturi tal-Innovazzjoni (EFIF), li huwa mfassal biex irawwem il-kooperazzjoni u jiffaċilita l-iskalabbiltà madwar l-UE. L-EBA se tiżviluppa wkoll hħidma tematika dwar assi kriptu u teknoloġija tar-reġistru distribwit u tivvaluta l-implimentazzjoni potenzjali ta' qafas armonizzat dwar l-ittestjar ta' reżiljenza ċibernetika.

Il-promozzjoni ta' qafas operattiv għal riżoluzzjoni

18. F'dak li għandu x'jaqsam mal-BRRD il-ġdida, l-EBA se twettaq il-mandati, billi tibda bl-aċċelerazzjoni ta' dawk li huma essenzjali għall-operazzjonalizzazzjoni tal-qafas ta' riżoluzzjoni, bħal fuq l-MREL. L-EBA se tiffoka wkoll fuq xi aspetti prattiċi li jirriżultaw mill-esperjenza ta' implimentazzjoni fil-prattika u li jidhru meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet ta' riżoluzzjoni b'attenzjoni partikolari fuq ir-rikapitalizzazzjoni interna.

Oħrajn

19. L-EBA se tkompli trawwem il-protezzjoni tal-konsumatur, b'segwitu għar-rapport dwar ix-xejriet tal-konsumatur tagħha tal-2019, timmonitorja l-konverġenza tal-attività superviżorja u tivvaluta l-implimentazzjoni tal-SGD. L-EBA se tkompli wkoll tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-PSD2, peress li l-2020 se tkun l-ewwel sena sħiħa li fiha l-konsumaturi jibbenefikaw miż-żieda fl-għażla u l-kompetizzjoni.

20. Ir-rieżami tal-ASE jibda jopera fl-1 ta' Jannar 2020, u l-EBA se taħdem biex timplimenta l-bidliet għar-Regolament ta' Twaqqif tagħha. L-EBA se takkwista kompetenzi AML ġodda (kif imsemmi qabel) u kumitat intern iddedikat biex taħdem fuqu. Barra minn hekk, se jinħolqu kompiti addizzjonali fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumatur u tal-fatturi ESG, kif ukoll mir-rwol tekniku tal-EBA fil-monitoraġġ tal-ekwivalenza.

Il-missjoni tal-EBA

21. Il-missjoni tal-EBA hija li “jinbena qafas regolatorju u superviżorju uniku għas-settur bankarju kollu fil-UE, sabiex jiġi żgurat Suq Uniku effiċjenti, trasparenti u stabbli li minnu jibbenefikaw il-konsumaturi tagħha, in-negozji u l-ekonomija usa”.
22. Il-kompitu prinċipali tal-EBA huwa li tikkontribwixxi, permezz tal-adozzjoni ta' standards tekniċi u linji gwida vinkolanti, għall-ħolqien tal-Ġabra Unika Ewropea tar-Regoli fil-qasam bankarju. Il-Ġabra Unika tar-Regoli għandha l-għan li tipprovdi sett wieħed ta' regoli prudenzjali armonizzati għall-istituzzjonijiet finanzjarji madwar l-UE, li tgħin biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi u li tipprovdi livell għoli ta' protezzjoni għad-depożitanti, l-investituri u l-konsumaturi.
23. L-EBA għandha wkoll rwol importanti fil-promozzjoni tal-konverġenza tal-prattiki superviżorji u ta' riżoluzzjoni biex tiżgura applikazzjoni armonizzata ta' regoli prudenzjali. Finalment, l-EBA għandha l-mandat li tivvaluta r-riskji u l-vulnerabbiltajiet fis-settur bankarju tal-UE permezz, b'mod partikolari, ta' rapporti regolari tal-valutazzjoni tar-riskju u testijiet tal-istress madwar l-UE.
24. Kompiti oħrajn stabbiliti fil-mandat tal-EBA jinkludu:
- investigazzjoni ta' applikazzjoni allegatament inkorretta jew insuffiċjenti tad-dritt tal-Unjoni mill-awtoritajiet nazzjonali;
 - teħid ta' deċiżjonijiet diretti lejn CAs individwali jew istituzzjonijiet finanzjarji f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza;
 - medjazzjoni biex issolvi nuqqas ta' qbil bejn s-CAs f'sitwazzjonijiet transkonfinali;
 - li taġixxi bħala korp konsultattiv indipendenti għall-Parlament Ewropew, il-Kunsill Ewropew jew il-Kummissjoni;
 - tiegħu rwol ewlieni fil-promozzjoni tat-trasparenza, is-sempliċità u l-ġustizzja fis-suq għal prodotti jew servizzi finanzjarji tal-konsumatur fis-suq intern kollu.
25. Biex twettaq dawn il-kompiti, l-EBA għandha l-mandat li tipproduċi numru ta' dokumenti regolatorji u mhux regolatorji, inklużi standards tekniċi vinkolanti, linji gwida, rakkomandazzjonijiet, opinjonijiet u rapporti ad hoc jew regolari.